



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 7 ta' Novembru 2023
(OR. en)

14620/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0372 (NLE)

MI 896
ECO 72
ENT 223
UNECE 16

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar proposti għal modifiki għar-regolamenti Nri 0, 14, 16, 17, 24, 43, 48, 53, 74, 86, 90, 94, 95, 100, 122, 129, 134, 135, 137, 145, 149, 153, 154, 157, 160, 161 u 162 tan-NU, dwar il-proposti għal regolament ġdid tan-NU dwar ir-reġistraturi tad-data f'każ ta' avveniment għal vetturi heavy-duty u għal regolament ġdid tan-NU dwar sistemi ta' trażżin għat-tfal biex it-tfal jivvjaġġaw bil-karozzi tal-linja, b'mod aktar sikur, u dwar proposta għal emenda għar-riżoluzzjoni reċiproka Nru 1 tan-NU
----------	---

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fil-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi
tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar proposti
għal modifiki għar-regolamenti Nri 0, 14, 16, 17, 24, 43, 48, 53, 74, 86, 90, 94, 95, 100,
122, 129, 134, 135, 137, 145, 149, 153, 154, 157, 160, 161 u 162 tan-NU,
dwar il-proposti għal regolament ġdid tan-NU dwar ir-reġistraturi tad-*data*
f'każ ta' avveniment għal vetturi heavy-duty u għal regolament ġdid tan-NU
dwar sistemi ta' trażżin għat-tfal biex it-tfal jivvjaġġaw bil-karozzi tal-linja,
b'mod aktar sikur, u dwar proposta għal emenda għar-riżoluzzjoni reċiproka Nru 1 tan-NU**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE¹, l-Unjoni aderiet mal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NUKEE) li jikkonċerna l-adozzjoni tal-preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu jiġu ffittjati u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti u l-kondizzjonijiet għar-rikonossiment reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet ("il-Ftehim Rivedut tal-1958"). Il-Ftehim Rivedut tal-1958 daħal fis-seħħ fl-24 ta' Marzu 1998.
- (2) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/125/KE², l-Unjoni aderiet mal-Ftehim li jistabbilixxi regolamenti tekniċi globali għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu jitwāhħlu u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti ("il-Ftehim Parallel"). Il-Ftehim Parallel daħal fis-seħħ fil-15 ta' Frar 2000.
- (3) Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ jistabbilixxi dispożizzjonijiet amministrattivi u rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip u t-tqegħid fis-suq tal-vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati ġodda kollha. Dak ir-Regolament jinkorpora r-regolamenti li ġew adottati skont il-Ftehim Rivedut tal-1958 ("ir-regolamenti tan-NU") fis-sistema tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, bħala rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip jew bħala alternattivi għal-leġislazzjoni tal-Unjoni.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE tas-27 ta' Novembru 1997 bil-għan tal-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa li jikkonċerna l-adozzjoni tal-preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet liema jistgħu jkunu ffittjati u/jew ikunu użati ma' vetturi bir-roti u l-kondizzjonijiet għar-rikonossiment reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet ("Ftehim Rivedut tal-1958") (ĠU L 346, 17.12.1997, p. 78).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/125/KE tal-31 ta' Jannar 2000 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim li jistabbilixxi regolamenti tekniċi globali għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu jitwāhħlu u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti ("Ftehim Parallel") (ĠU L 35, 10.2.2000, p. 12).

³ Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1).

- (4) Skont l-Artikolu 1 tal-Ftehim Rivedut tal-1958 u l-Artikolu 6 tal-Ftehim Parallel, il-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi (WP.29) tan-NUKEE jista' jadotta proposti għal modifiki għar-regolamenti tan-NU, għar-regplamenti tekniċi globali tan-NU (GTRs tan-NU) u għar-risoluzzjonijiet tan-NU, u proposti għal regolamenti tan-NU, GTRs tan-NU u risoluzzjonijiet tan-NU ġodda dwar l-approvazzjoni tal-vetturi. Barra minn hekk, skont daww id-dispożizzjonijiet, id-WP.29 tan-NUKEE jista' jadotta proposti għal awtorizzazzjonijiet biex jiġu żviluppati emendi għall-GTRs tan-NU jew biex jiġu żviluppati GTRs ġodda tan-NU, u jista' jadotta proposti għall-estensjoni tal-mandati għall-GTRs tan-NU.
- (5) Mill-14 sas-16 ta' Novembru 2023, matul il-191 sessjoni tiegħu, id-WP.29 jista' jadotta: proposti għall-modifiki għar-regolament Nri 0, 14, 16, 17, 24, 43, 48, 53, 74, 86, 90, 94, 95, 100, 122, 129, 134, 135, 137, 145, 149, 153, 154, 157, 160, 161, u 162 tan-NU; proposti għal regolament ġdid tan-NU dwar ir-reġistraturi tad-*data* f'każ ta' avveniment għall-vetturi heavy-duty, u għal regolament ġdid tan-NU dwar is-sistemi ta' trażżin għat-tfal biex it-tfal jivvjaġġaw bil-karozzi tal-linja b'mod aktar sikur; u proposta għal emenda għar-risoluzzjoni reċiproka Nru 1 tan-NU.
- (6) Ir-regolamenti tan-NU se jkunu vinkolanti għall-Unjoni. Flimkien mar-risoluzzjoni tan-NU, se jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi. Għalhekk, jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fid-WP.29 dwar l-adozzjoni ta' daww il-proposti.

- (7) Ir-rekwiżiti għal ċerti aspetti jew karatteristiċi koperti mir-regolamenti Nri 0, 14, 16, 17, 24, 43, 48, 53, 74, 86, 90, 94, 95, 100, 122, 129, 134, 135, 137, 145, 149, 153, 154, 157, 160, 161 u 162 tan-NU u mir-risoluzzjoni reċiproka Nru 1 tan-NU jeħtieġ jiġu emendati jew issupplimentati sabiex jiġu riflessi l-esperjenza u l-iżviluppi tekniċi.
- (8) Sabiex ikun jista' jsir progress tekniku u tittejjeb is-sikurezza, hemm bżonn li jiġi adottat regolament ġdid tan-NU dwar ir-reġistraturi tad-*data* f'każ ta' avveniment għal vetturi heavy-duty u regolament ġdid tan-NU dwar sistemi ta' trażżin għat-tfal biex it-tfal jivvjaġġaw bil-karozzi tal-linja b'mod aktar sikur.
- (9) Dawn il-proposti huma f'konformità mal-politika tas-suq intern tal-UE dwar l-industrija tal-karozzi fir-rigward tas-sikurezza, l-awtomatizzazzjoni u l-emissjonijiet, kif ukoll il-politiki tagħha dwar it-trasport, il-klima u l-enerġija, u għandhom impatt pożittiv ħafna fuq il-kompetittività tal-industrija tal-karozzi tal-UE u fuq il-kummerċ internazzjonali.
- (10) Fid-dawl ta' dawk il-benefiċċji, huwa ssuġġerit li ssir votazzjoni favur dawk il-proposti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-191 sessjoni tal-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tan-NUKEE li se ssir bejn l-14 u s-16 ta' Novembru 2023 għandha tkun li tivvota favur il-proposti elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
